MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Martin Sammut)**

**vs**

**Jesmond Borg ta’ 33 sena, iben Victor**
**u Josephine nee Borg, mwieled**
**fis-7 ta’ Novembru, 1967,**
**u joqghod ‘Casa Borg’, Triq il-Qattus,**
**Ghaxaq, detentur tal-karta ta’**
**l-identita’ bin-numru 464867 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jesmond Borg li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fil-25 ta' Awissu, 1998 u fid-diversi xhur ta' qabel, gewwa l-Belt Valletta u Floriana, u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

(1) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew żamm ghall-bejgh, jew import ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe diversi videoes u CD's u dan bi ksur ta' Artikolu 298(1)(f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(2) Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex tqassam xi artiklu jew xihaga ohra u cioe diversi videos u CD's bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollhja persuna ohra u cioe t-Twentieth Century Fox Film Corporation, u socjetajiet ohra li taghhom Dr Patrick Galea LL. D. huwa rapprezentant, protetti bil-jew taht il-ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li kif appena gie esebit ir-rapport ta' l-espert Martin Bajada hu rregistra l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

In vista ta' l-ammissjoni din il-Qorti qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-art 298(1)(f), 298B(1) (rat id-debita kwerela).

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum wara li rat l-art 22 tal-Kap 446 b'dan illi qed tordna l-konfiska tas-CD's kollha esebiti.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------